**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1083/2020 MS*

**Plan 17 Ltd**

**Vs.**

**Giuseppe Vichi**

Illum, 30 ta' Mejju, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-17 ta' Novembru, 2020, li bih, wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi s-socjeta' attrici llum il-ġurnata topera u tiġġestixxi stabbiliment tal-ikel bl-isem ta' "Planet Hollywood", ġewwa l-kumpless ta' Bay Street, San Giljan. Ilha topera sa mis-6 ta' Ġunju, 2019 u qabel ma fetħet għall-pubbliku id-

direttur tal-esponenti xtaq jagħmel upgrade tal-pavimentar fil-kċina;

Illi fi Frar, 2019 ir-rikorrenti esponenti ikkummissjonat lill-intimat sabiex jagħmel xogħolijiet ta' pavimentar ġewwa l-kċina kif ukoll manifattura ta' bibien interni;

Illi l-intimat li huwa eżerċitanti fil-kummerċ bl-isem ta' "360 GV Arredamenti" kellu diversi laqgħat mal-esponenti dwar il-materjal li kien ser jintuża fil-pavimentar tal-kċina qabel ma effettivament ma ġew esegwiti x-xogħolijiet u huwa kien tah ċertezza lill- esponenti li kien dana t-tip ta' pavimentar kien stallah f'diversi kċejjen oħra ta' ristoranti u kien meqjus tal-aħjar kwalita'. Skont l-intimat il-materjal kien reżistenti għal kull tip ta' wear & tear u naturalment magħmul għal ambjent ta'kċina;

Illi wara li ġew iffirmati żewġ kuntratti, wieħed għal pavimentar (hawn anness u mmarkat bħala "Dok PL1") u l-ieħor għal bibien imsemmija (hawn anness u mmarkat bħala "Dok PL2", l-intimat għamel ix-xogħolijiet ikkummissjonati u tħallas l-ammont ta' € 23,000 għall-paviment u € 4,000 għall-bibien;

Illi litteralment ftit tal-ġimgħat wara l-istallazzjoni tal-paviment u tal-bibien bdew ifeġġu difetti serji kemm fil-bibien u fil-paviment. Di fatti b'mod partikolari għall-paviment bdew jidhru blisters, beda jitqaxxar u jinqala minn mal-konkrit. In oltre, jidher ukoll li l-kwalita' tal-bibien installati kienet ferm inferjuri minn dak li tistenna. Di fatti wara ftit ġimgħat il-pumijiet tal-bibien inqagħlu kollha;

Illi meta l-intimat ġie rinfaċċjat bid-difetti, speċjalment dawk relatati mal-pavimentar, l- ewwel offra li jagħmel xogħolijiet rimedjali iżda mbgħad beda jagħmel ħafna skuzi u jwaħħal fil-konkrit u fil-ħaddiema. Maż-żmien beda joffri li jagħmel ix-xogħolijiet rimedjali iżda ippretenda li l-esponenti tagħmel pagament addizzjonali sabiex tkopri l-materjal. Dan ma kienx aċċettabbli għall-esponenti speċjalment tenut kont li dawn id- difetti ħarġu ftit tal-ġimgħat wara l-istallazzjoni. Għalhekk it-teżi tal-intimat ma kinitx treġi;

Illi wara xhur ta' korrispondenza, wegħdiet u laqgħat il-partijiet ma waslu mkien u saħansitra l-intimat waqaf ikellem lill-esponenti u għaldaqstant ma kien hemm ebda tama ta' żblokk. Filfatt minkejja li l-intimat ġie interpellat mid-direttur tar-rikorrenti diversi drabi sabiex jagħmel ix-xogħolijiet mill-ġdid huwa baqa' inadempjenti;

Illi maż-żmien u trapass tax-xhur l-istat tal-pavimentar fil-kċina baqa' jiddeterjora tant li fil-bidu tas-sena 2020, l-ħaddiema ma setgħux ikomplu jaħdmu għaliex kien meqjus bħala perikolu għalihom;

Illi għalhekk wara li f'Marzu, 2020 l-esponenti kienet kostretta tagħlaq il-bibien tal- istabbilliment, hija ikkummissjonat ditta ta' inginiera sabiex teżamina l-pavimentar magħmul mill-intimat. Fir-rapport tagħha (hawn anness u mmarkat bħala "Dok PL3"), dina d-ditta u ċioe' "NB Engineering Services Ltd.", kkonkludiet is-segwenti:
"We are of the opinion that the material laid on the floor does not correspond to industry standards as the finished product has many hills and troughs (Photo 6), and cracks have been developing in a short span of time. The material has flaked and cracked in various places, and patch repairs were done which have not enhanced the working surfaces. The binding properties of the surface material were non-existant.
The remedial works to repair the defects of the existing surface are substantial and we do not exclude the total removal of the material so that it might be re- applied".

Illi in vista tal-konklużżjonijiet milħuqa fir-rapport suespost u in vista tal-fatt li l-istat tal-paviment kien qed iponi mhux biss inkonvenjent għall-ħaddiema tal-esponenti, iżda kien qed iponi perikolu għas-saħħa u sigurta' tal-istess, l-esponenti rikorrenti ma kellhiex triq oħra għajr li tqabbad terzi sabiex jaqilgħu għall-kollox il-pavimentar difettuż magħmul mill-intimat u jissostiwixxuh b'pavimentar magħmul skont is-sengħa u l-arti;

Illi huwa ċar kristall li x-xogħolijiet li saru fl-istabbiliment ma sarux skont is-sengħa u l- arti u l-intimat baqa' ifarfar mir-responsabilita';

Illi ma hemmx dubju li r-rikorrenti ta l-possibilita' lill-intimat biex jirrimedja d-difetti riskontrati, għalkemm inutilment u kien kostrett jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tal-istess difetti billi jinkariga terzi għal dan il-għan;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mid-Direttur tas-soċjeta' attriċi.

ipproċediet biex talbiet lil din il-qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ezegwit, jew parti minnu, mill-intimat fl-istabbiliment fuq riferit, ma sarx skont is-sengħa u l-arti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li konsegwenza tax-xogħolijiet eżegwiti mill-intimat, liema xogħolijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti, r-rikorrenti sofriet danni u inkorriet spejjeż li għalihom irid għandu jwieġeb għalihom;

3. Tillikwida okkorrendo permezz ta periti nominandi d-danni sofferti u l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti;

4. Tordna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fis-7 ta' Jannar 2021 mill-konvenut[1], li permezz tagħha huwa eċċepixxa dan li ġej:

1. Illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol kollu li ghamel l-Intimat sar skont is-sengha u l-arti u fuq struzzjonijiet tal-attrici stess.

2. Illi inoltre kwalsiasi danni allegatament sofferti mill-attrici gew ikkagunati minnha stess u certament ma jahtix ghalihom 1-Intimat u għalhekk l- imsemmija danni m'huma bl-ebda mod attribwibbli għal xi nuqqas da parti tal-Intimat, hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju għas-suespost, is-socjeta" attrici ghandha tipprova d-danni li hija sofriet fil-mument li hija ressqet il- kawza taghha u kull allegazzjoni avvanzata mill-attrici ghandha tigi debitament ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u dan in virtu tal-Artikolu 562 kif kombinat mal-Artikoli 558 u 559 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

---

[1] Ara folio 34.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni mressqa minn kommittent kontra l-appaltatur għar-riżarċiment tal-ħsara mġarrba b'konsegwenza ta' xogħol li ma ġiex imwettaq skont is-sengħa u l-arti.

7. Illi l-attriċi tgħid li hija nkarigat lill-konvenut jagħmel xogħlijiet ta' pavimentar fil-kċina kif ukoll jimmanifattura bibien interni, dejjem b'rabta mal-istabbiliment li kien detenut minnha u li huwa parti mill-kumpless magħruf bl-isem "Bay Street" f'San Ġiljan[2]. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien assikuraha li l-pavimentar li qabbditu jagħmlilha kien tal-aħjar kwalità u kien jiflaħ għal użu qawwi u kien ideali għall-użu fi kċina[3].

8. Illi l-appalti ingħataw lill-konvenut permezz ta' żewġ skritturi privati, li entrambi huma datati 25 ta' Frar 2019[4].

9. L-attriċi tgħid li l-konvenut għamel ix-xogħlijiet u tħallas is-somma ta' €23,000 għax-xogħlijiet ta' pavimentar, u €4,000 għall-bibien interni, tant li l-istabbiliment infetaħ għall-klijenti fis-7 ta' Ġunju 2019[5]. Biss ftit ġimgħat wara l-konsenja tax-xogħlijiet, bdew jidhru difetti serji fix-xogħol imwettaq mill-konvenut. L-attriċi tgħid li l-pavimentar beda jitqaxxar, u l-bibien interni kienu ta' kwalità inferjuri minn dik

[2] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 46.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 46.
[4] Ara folio 11 u folio 16.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 47.

imwiegħda, tant li sa Settembru tas-sena 2020, kienu nqalgħu minn maċ-ċpiepet u l-pumi kollha kienu nqalgħu[6]. Meta saret din il-kawża, dawn il-bibien kienu għadhom hemm[7].

10. Meta rat hekk, tgħid l-attriċi fl-att promotur li bih bdiet il-kawża, hija fittxet lill-konvenut li l-ewwel assikuraha li kien se jirrimedja għad-difetti, biss imbagħad mar lura mill-kelma tiegħu u ma rrimedja xejn. L-attriċi tgħid li l-konvenut pretenda li l-attriċi terfa' l-ispejjeż tal-materjal meħtieġ għal dawn ix-xogħlijiet rimedjali, liema pretensjoni ma kinitx akkolta mill-attriċi[8].

11. Minħabba f'hekk, l-attriċi għamlet din il-kawża.

12. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li huwa wettaq ix-xogħlijiet skont l-arti u s-sengħa u skont l-istruzzjonijiet tal-attriċi. Huwa sostna li kull ħsara fix-xogħol konsenjat minnu huwa ħtija tal-attriċi stess, u f'kull każ, l-attriċi kienet fid-dmir li ġġib prova tal-ħsara li tgħid li ġarrbet.

13. Illi sabiex jassistiha f'din il-kawża, din il-qorti, kif kienet diversament presjeduta, innominat perit tekniku sabiex «*...jirrelata dwar l-allegazzjonijiet tas-soċjetà attriċi, li x-xogħol magħmul mill-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sena u huwa difettuż, wara li jieħu wkoll in kosiderazzjoni l-eċċezzjonijiet rilevanti tal-konvenut*». Il-perit tekniku nominat fil-fatt estenda r-relazzjoni tiegħu fit-8 ta' Ġunju 2023[9]. Il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet kontenuti fiha jistgħu jinġabru kif ġej:

    i) li dwar il-bibien interni, ma tressqet ebda prova ulterjuri[10];

    ii) li fir-rigward tax-xogħol ta' pavimentar, dan kellu jsir bir-resin. L-art li fuqha kellu jaħdem il-konvenut kellha kejl superfiċjali ta' madwar tliet metru kwadru[11], u kienet mgħottija bil-madum. Parti mill-madum kellu

[6] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 118.
[7] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 119.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pierre Peter Mattocks, a folio 47.
[9] A folio 99.
[10] Viz. §6 tar-relazzjoni teknika, a folio 101.
[11] Viz. §4 tar-relazzjoni teknika, a folio 100.

jinqala' biex jiġu mgħoddija xi servizzi, b'dan li fejn inqala' l-madum, kien il-parir tal-konvenut li ssir sodda tal-konkos sabiex ikun hemm wiċċ sod fejn huwa kellu jaħdem. Dan il-konkos ingħata fuq kejl ta' madwar ħamsin metru kwadru[12];

iii) li mill-provi li tressqu matul il-perizja, l-perit tekniku dehrlu li ntwera li l-konkos li ġie applikat fuq is-sit tax-xogħol aktarx ma sarx kif imiss, tant li mix-xiehda tal-konvenut u tal-lavrant tiegħu, irriżulta li l-wiċċ tal-konkos kien ifarfar u anki sfronda f'xi parti minnu[13]. Dan ġie konfermat anki mix-xiehda ta' Renzo Spagnol[14], anki jekk sussegwentement dan ix-xhud biddel il-verżjoni tiegħu[15];

iv) li għalkemm il-konvenut kien preżenti meta sar il-wiċċ tal-konkos, il-perit tekniku jeskludi li huwa seta' jinduna jew jintebaħ bid-difett fil-kwalità tal-konkos[16];

v) li l-materjal użat mill-konvenut kien idonju[17] u l-mod kif dan ġie applikat kien skont is-sengħa u l-arti. Il-lavrant li assista lill-konvenut f'dan l-appalt għandu esperjenza twila, u l-perit tekniku kien propens li jikkonkludi li x-xogħol u t-taħlit tal-materjal minn dan il-lavrant sar kif imiss, u ċertament ma tressqet ebda prova mod'ieħor[18];

vi) li l-attriċi ma ddokumentatx b'mod ċar id-difetti li dwarhom qed tilmenta f'din il-kawża[19], lanqas bl-opera tal-inġinier inkarigat minnha, li madanakollu għamel rapport b'konklużjonijiet vagi[20];

---

[12] Viz. §7 tar-relazzjoni teknika, a folio 101.
[13] Viz. §9 tar-relazzjoni teknika, a folio 102.
[14] Ara folio 122.
[15] Viz. §19 tar-relazzjoni teknika, a folio 107, u x-xiehda in kontro-eżami ta' dan ix-xhud, a folio 127.
[16] Viz. §19 tar-relazzjoni teknika, a folio 107.
[17] Ara folio 106.
[18] Viz. §15 tar-relazzjoni teknika, a folio 106.
[19] Viz. §21 tar-relazzjoni teknika, a folio 108.
[20] Viz. §17 tar-relazzjoni teknika, a folio 107.

vii) li l-possibilità li l-ħsara fil-pavimentar setgħet isseħħ bi twaqqiegħ ta' għodda tal-kċina ma tistax tiġi eskluża[21], partikolarment wara esperiment li sar mill-perit tekniku stess[22];

viii) li ma ġiex ippruvat li l-konvenut ma wettaqx xogħlu skont ir-regoli tas-sengħa u l-arti.

14. Illi l-attriċi eskutiet bil-kitba lill-perit tekniku[23], li wieġeb għall-eskussjoni bil-miktub u kkonferma l-konklużjonijiet milħuqa minnu fir-rapport tiegħu[24].

Ikkunsidrat:

15. Illi l-prinċipji li jirregolaw id-dmirijiet tal-appaltatur huma issa magħrufa sewwa bis-saħħa ta' ġurisprudenza li hija kostanti.

16. Il-prinċipju ewlieni huwa li l-appaltatur irid dejjem jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu, kif ukoll il-materjal minnu adoperat (***Rebecca Aquilina vs. Giuseppe Sciortino et***, Appell Superjuri, 5/12/1955)[25]. Din il-garanzija hija waħda impliċita, u ma teħtieġx li tkun miftehma espressament (***Sancio De Carlo pro et noe vs. Emmanuele Cumbo et***, Appell Superjuri, 6/2/1956)[26]. Ġie wkoll korrettement miżmum li «*l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti*» (***Pierre Darmanin vs. Moira Agius et***, Appell Superjuri, 6/10/2004).

17. Issa jekk ix-xogħol eżegwit mill-appaltatur ma jsirx skond is-sengħa u l-arti, il-kuntratt ma jiġix maħlul, salv fejn id-difetti in kwistjoni jkunu sostanzjali. Fil-fatt ġie ritenut illi: «*Huwa magħruf illi fil-każ ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluż f'dan it-terminu n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tajba tax-xogħlijiet, ma huwiex eskluż l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-każ ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqgħu*

[21] Viz. §21 tar-relazzjoni teknika, a folio 108.
[22] Viz. §20 tar-relazzjoni teknika, a folio 108.
[23] Ara folio 230.
[24] Ara folio 232.
[25] Kollezz. Vol.XXXIX.i.442.
[26] Kollezz. Vol.XL.i.485.

*applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-disposizzjonijiet speċjali, senjatament ir-riżoluzzjoni u l-ħall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk allura r-responsabilita' ta' l-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per eżempju jonqos li jikkompleta l-opera affidata lilu jew f'każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni jew ikun naqas fl-obbligazzjoni tiegħu li jesegwixxi u jikkonsenja l-opera appaltata skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengħa, u x-xogħlijiet jirriżultaw karenti u difettużi. F'ċirkostanzi bħal dawn l-kommittent għandu d-dritt, ex-Artikolu 1069(1) tal-Kapitolu 16, li jagħżel li jġiegħel lill-appaltatur jeżegwixxi in forma speċifika l-appalt u jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti għad-danni*» (***Ignazia Degabriele vs. George Calleja et***, Appell Superjuri, 30/6/2004). «*A contrariu sensu meta d-difetti, kif hekk jirriżulta f'dan il-każ, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss għandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja għad-difetti fl-esekuzzjoni tax-xogħol*» (***Victor Tabone vs. Felix Mifsud***, Prim'Awla, 5/10/1994). Għaldaqstant meta l-appaltatur ikun inadempjenti, il-kommittent ikollu l-jedd li jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt, jew inkella l-eżekuzzjoni tajba tal-prestazzjoni assunta mill-appaltatur, u f'kull każ, id-danni - «*Dipendenti fuq l-għażla magħmula l-kommittent, imbagħad, għandu x-xelta li jinsisti għar-rettifika tal-vizzji u difetti riskontrati fl-opra, jew tar-riduzzjoni fil-prezz raġġunt bil-konfront bejn il-valur tal-opra kontrattata u l-valur ta' l-opra eżegwita. Dan f'każ li d-difetti ma jkunux daqstant sostanzjali li jipprivaw l-opra mill-iskop jew l-utilita' tagħha għall-kommittent. Jista' wkoll jitlob ir-rifaċiment ta' l-opra f'każ li l-vizzji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati ħlief bid-distruzzjoni tal-opra*» (***Christopher Meli et vs. Emanuel Galea***, Appell Superjuri, 23/6/2004).

18. Id-difetti fl-opra appaltata jitqiesu sostanzjali jew essenzjali fejn dawn jipprivaw il-ħaġa mill-iskop jew l-utilita' tagħha b'mod li ma tibqax tikkorrispondi għad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xogħol (ara ***Angelo Busuttil vs. Pio Fedele et***, Prim'Awla, 9/4/1968, u ***John Bonnici nomine vs. Anthony Sammut***, Appelli Kummercjali, 22/6/1994).

19. Issa l-fehma tal-perit tekniku nominat f'din il-kawża kienet li l-provi prodotti ma jwasslux għall-konklużjoni li l-konvenut naqas milli jagħmel xogħlu skont is-sengħa u l-arti. Huwa tant'ieħor prinċipju affermat dak li jżomm li l-perizja teknika għandha valur probatorju li m'għandux jitwarrab kif ġieb u laħaq (ara ***Margaret Camilleri et vs. Joseph Camilleri et***, Appell Superjuri, 8/4/2024). Tassew iridu jkunu raġunijiet tajba u

b'saħħithom dawk li jwasslu lil qorti sabiex tiddipartixxi mill-fehmiet espressi f'rapport tekniku dwar materja li hija m'hijiex esperta fiha (ara per eżempju ***Carmel sive Charles Gatt et vs. Joseph Stagno***, Appell Superjuri, 28/1/2021; ***Simone Eve Collette Sammut et vs. Adam Sammut***, Appell Superjuri, 17/3/2021; ***AIC David Xuereb pro et noe vs. Tom Jansen et***, Appell Superjuri, 12/7/2023). F'dan is-sens, l-attriċi ma ressqet ebda prova jew argument li jwassluha twarrab il-fehmiet tekniċi espressi fil-perizja fuq ċitata.

20. Minflok, l-attriċi tressaq żewġ raġunijiet b'għeruq legali sabiex issostni t-talbiet tagħha kontra l-konvenut.

21. L-ewwel raġuni miġjuba hija msejsa fuq il-klawsola numru sebgħa tal-kuntratt tal-appalt (ara folio 56). Din il-klawsola tgħid li l-kuntrattur, ċjoè l-konvenut, huwa obbligat li jirrimedja kull difett fix-xogħol li skont ir-rappreżentant tal-kommittent ma jikkonformax ma' dak miftiehem fl-appendiċi 'X1' u 'X2'.

22. Din l-ewwel raġuni miġjuba mill-attriċi tfalli għal bosta raġunijiet.

23. L-ewwel nett, għaliex il-kawża mressqa mill-attriċi m'hijiex waħda għall-eżekuzzjoni ta' din il-klawsola kuntrattwali. Il-premessa u l-kawżali miġjuba 'l quddiem mill-attriċi huma li l-konvenut m'għamilx ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti, u mhux li l-konvenut hu obbligat li jsewwi difetti irrispettivament mill-kaġun tagħhom. Huwa risaput illi f'kawżi miġjuba quddiem il-Qrati Superjuri, il-qorti adita bil-kawża għandha toqgħod strettament mal-parametri tal-azzjoni li tkun ġiet dedotta quddiemha. F'dan is-sens huma d-deċiżjonijiet ***Doris Grech vs. Valentino Valente noe*** (Appell Superjuri, 27/2/2015) u ***Avukat Dottor Roberto Montalto noe vs. Edwin Bartolo et*** (Appell Superjuri, 28/4/2017), fost ħafna oħrajn.

24. It-tieni nett, ma jidhirx li l-attriċi preżentat l-appendiċi li abbażi tiegħu setgħet tiġi azzjonata din il-klawsola. Dan proprju juri kemm l-attriċi qatt ma kienet qed taġixxi abbażi ta' din il-klawsola, li qed tiġi biss invokata issa *in extremis*.

25. It-tielet nett, lanqas ma ġie pruvat min ġie maħtur bħala rappreżentant tal-attriċi, liema ħatra, skont il-klawsola numru tnax tal-kuntratt tal-appalt, kellha tiġi komunikata bil-kitba lill-konvenut.

26. Ir-raba' nett, hija l-fehma tal-qorti li l-kondizzjoni kuntrattwali nvokata mill-attriċi m'għandhiex tinftiehem fis-sens prospettat minnha. Id-difetti li għalihom tirreferi din il-kondizzjoni huma difetti li għalihom jaħti l-konvenut u mhux difetti li jistgħu jirriżultaw minn fatti li għalihom huwa mhux imputabbli. Kif jipprovdi l-artikolu 1010 tal-Kodiċi Ċivili: «*Għalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra konvenzjoni jkunu ġenerali, fil-konvenzjoni ma jidħlux ħlief il-ħwejjeġ li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-ħsieb li jikkuntrattaw*». Il-kuntratt tal-appalt jirregola d-dmirijiet u d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti dwar l-appalt mogħti lill-konvenut, u għalhekk u preżumibbilment l-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut kollha jitrattaw fatti proprji tiegħu u mhux fatti ta' terzi. Din kienet il-konklużjoni raġġunta fid-deċiżjoni ***Mario Blackman vs. Carmelo u Giomino Farrugia għan-nom tad-ditta "Frco. Farrugia it-Tunisin"*** (Appelli Kummerċjali, 28/2/1972)[27] dwar fatti konsimili.

27. Għalhekk dan l-argument tal-attriċi mhux qed jitqies sostenibbli.

28. It-tieni raġuni miġjuba mill-attriċi hi li, anki kieku d-difetti kienu konsegwenzjali għal xogħol ta' konkos difettuż, kif dehrlu l-perit tekniku, jibqa' l-fatt li l-konvenut xorta waħda naqas għaliex ħadem fuq xogħol ħażin ta' ħaddieħor.

29. Issa huwa minnu li l-ġurisprudenza dejjem żammet mal-prinċipju illi l-appaltatur, għax huwa fl-obbligu li jikkonsenja opra li sservi lill-kommittent, għandu jevita li jagħmel ix-xogħol meta jkun jaf, jew kellu jkun jaf, li dak ix-xogħol mhux se jirriżulta kif imiss anki minħabba terzi. Għall-istess raġuni, l-appaltatur huwa wkoll obbligat li jirreżisti għal kwalsiasi intromissjoni li tista' tinterferixxi mal-bontà tax-xogħol, kompriżi dawk mill-kommittent stess (ara ***Nicola Vella vs. Luigi Agius***, Appell Superjuri, 7/4/1923[28]; ***Antonio Pisani vs. Carmelo Debattista***, Prim'Awla, 8/5/1958[29]; ***Amal Aluminium Works Ltd vs. Carmel Ebejer***, Prim'Awla, 26/3/2009), u għandu wkoll id-dmir li ma

[27] Mhux ippubblikata.
[28] Kollezz. Vol.XXV.i.727.
[29] Kollezz. Vol.XLII.ii.1003.

jeżegwiex ix-xogħol tiegħu f'ċirkostanzi li kellhom inebbħuh b'dubji dwar il-validità ta' xogħlu (ara per eżempju ***Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet Pubbliċi vs. Charles Azzopardi***, Appell Superjuri, 19/6/2006).

30. Dan il-prinċipju però mhux daqstant inflessibbli daqs kemm tippretendi l-attriċi. Kemm hu hekk, fid-deċiżjoni ***Joseph Camilleri vs. Pietro Schembri et*** (Appelli Kummerċjali, 30/6/1964)[30] intqal: «*Hu veru li ġie xi drabi ritenut, fuq l-awtorità tal-Vitaleni illi l-appaltatur għandu jirreżisti l-ordnijiet tal-kommittent li hu jaf li huma kuntrarju għar-regoli ta' l-arti, u għalhekk, għal xi difetti l-iktar essenzjali l-ordni tal-kommittent ma jeżonerahx. Iżda l-Vitaleni stess iwissi illi dan mhux prinċipju li għandu jkollu valur assolut għaliex is-soluzzjoni tiddependi mill-ispeċjalità taċ-ċirkustanzi. Per eżempju meta l-kommittent ikun ta l-ordni "con piena e perfetta cognizione di causa" u jkun bniedem ta' l-affarijiet tiegħu u li jaf sewwa xi jrid – bħal ma l-Qorti jidhrilha li hu l-appellat Camilleri – allura ma jistax imbagħad il-kommittent,* ***fir-relazzjonijiet purament ċivili tiegħu ma l-appaltatur****, jilmenta illi x-xogħol ikun sar ħażin u jippretendi li l-appaltatur jibdlu a spejjeż tiegħu*».

31. L-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tiċċita d-deċiżjoni ***Mario Blackman vs. Carmelo u Giomino Farrugia għan-nom tad-ditta "Frco. Farrugia it-Tunisin"*** (Appelli Kummerċjali, 28/2/1972)[31] fejn ġie osservat hekk:

> ...l-appaltatur (u anke l-artefiċi) għandu jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess, fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xogħol ikun sejjer isir utilment u m'hux b' mod li 'l quddiem jibda juri difetti u/jew jintilef il-benefiċċju tiegħu: f' każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'l quddiem

32. Id-deċiżjoni ċitata mill-attriċi fil-verità tippreżenta ċertu mportanza minħabba x-xebħ tal-fatti ta' dak il-każ mal-fatti tal-każ odjern. F'dak il-każ, l-attur kommittent kien ħarrek lill-konvenuti appaltaturi għax pretenda li dawn għamlu xogħol ħażin. Ix-xogħol ħażin kien konsistenti minn tqegħid ta' madum. Mill-perizji tekniċi li saru fuq ordni tal-Qorti tal-Kummerċ, irriżulta li d-difett prinċipali kien konsistenti fil-kwalità tas-sodda

[30] Kollezz. Vol.XLVIII.i.631.
[31] Mhux ippubblikata.

tax-xaħx li fuqha tqiegħed il-madum, kif ukoll mill-fatt li l-madum intrifes minn terzi persuni ħin qasir wara li kien ġie mqiegħed. Fid-deċiżjoni tagħha mogħtija fid-29 t'Ottubru 1971, il-Qorti tal-Kummerċ sabet lill-konvenuti responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet.

33. Din id-deċiżjoni, però, ġiet revokata fit-tieni istanza.

34. Il-Qorti tal-Appelli Kummerċjali, wara li esponiet il-prinċipju ġenerali fil-bran fuq riprodott, liema bran huwa tassew ċitat sikwit f'deċiżjonijiet oħrajn dwar il-materja t'appalt, kompliet hekk:

> Huwa fuq l-applikazzjoni ta' dana l-prinċipju taħt dawna ż-żewġ aspetti li dina l-Qorti, bir-rispett kollu, ma tħossx li tista' taqbel ma' dak ritenut fis-sentenza appellata. Hemm jingħad li l-kommittent (l-appellat) qatt ma ndaħal lill-appellanti kif għandhom jagħmlu x-xogħol, neħħi li setgħa qallhom li xi lavranti ma kienux kapaċi jagħmlu xogħol tajjeb, u kien jgħaġġilhom biex ilestulu – u kwindi dan l-aspett, imsemmi ukoll fis-sentenza appellata, mhux ser jiġi kunsidrat.
>
> Dak li dina l-Qorti ma tistax taċċetta hu fejn ġie ritenut li l-appellanti kienu obbligati jaraw li s-sodda kienet tali li fuqha jista' jsir ix-xogħol tat-tqegħid tal-madum: dana tgħidu għaliex jirriżulta li dan ix-xogħol preparatorju minn min iqiegħed il-madum, mentri dan (skont it-tieni perizja...) mentri dan għandu biss id-dover li jwitti dak li jsib u jwarrab il-ġebel kbir li jistgħa jfixklu, u dak li sabu l-appellanti kien bħal dak li dik l-epoka kienu qiegħdin jippreparaw il-bennejja, evidentement bl-approvazzjoni taċita, jekk m'hux espressa, tal-periti nkarigati mid-direzzjoni tax-xogħol. Hawnhekk tqum il-kwistjoni li ssemmiet waqt it-trattazzjoni tal-appell, dwar ir-responsabbiltà ta' min jesperimenta xi ħaġa f'xogħol li jagħmel għall ħaddieħor fis-sens jekk ibatix dan (i.e. il-kommittent) jew l-appaltatur li jkun qed jesperimenta, jekk ix-xogħol ma joħroġx sew. Ma jidhirx li għandu jkun hemm dubbju li r-riskju hu fuq min qed jesperimenta; però taħt iċ-ċirkostanzi premessi, ma jistax jingħad li kienu qed jesperimentaw l-appellanti u, bħalhom, nies oħrajn li jqiegħdu l-madum, iżda xi ħaddieħor li wkoll għandu relazzjoni mal istess kommittent u li m'hux il-każ li jiġi iżjed l-lum individwat peress li m'hux in kawża. Dan il-materjal ma jistax jitqies bħal xi ħaġa li biha l-appellanti riedu jaħdmu bħala materjal lilhom konsenjat biex bih

> jesegwixxu, iżda biss iqiegħdu fuqu mingħajr ma kellhom raġuni jaħsbu, u wisq inqas kienu jafu, li ma kienx adatt biex hekk jaħdmu fuqu; u anzi kien raġonevoli għalihom jaħsbu li setgħu hekk jaħdmu. Hekk ebda ħtija ma kien hemm fihom biex jirrispondu għad-difetti dovuti għall-insuffiċjenza tal-istess materjal, la darba x-xogħol li huma għamlu jirriżulta li għamluh sew u skond is-sengħa.
>
> Kwantu għall-irfis tal-madum meta kien frisk il-Qorti tara li hu ħażin l-atteġġiament tal-appellat, u intant aċċettat fis-sentenza appellata, li jippretendi li l-appellanti kellhom ma jaħdmux fiċ-ċirkostanzi li kien ikkrea hu stess ħalli l-flats ilestihom kemm jista' jkun malajr fl-interess tiegħu billi jqabbad u jħalli jaħdmu fl-istess żmien nies fuq xogħolijiet differenti. B'dan, però, il-Qorti ma tridx tgħid li dan ma setgħax ukoll isir bla ma tiġri ħsara, purkè l-ħaddiema l-oħra proprju jaraw li dan ma jiġrix. ... ... Il-gwaj hu li din l-attenzjoni mhux dejjem tittieħed u min iqiegħed il-madum ma jkunx hemm il-ħin kollu u kullimkien f'daqqa, u allura l-madum jintrifes. ... ... Ta' ħsara għalhekk li tirriżulta li ġrat għall dina r-raġuni m'hux sew li jirrispondu l-appellanti...

35. Il-qorti ċċitat estensivament minn din id-deċiżjoni mhux biss minħabba r-rilevanza tal-prinċipji legali li jemanu minnha (partikolarment meta din id-deċiżjoni tinqara fl-intier tagħha), iżda kif premess minħabba x-xebħ fil-fatti tal-każ ma' dawk tal-każ odjern. Hawnhekk ukoll id-difett rilevat mill-perit tekniku kien prinċipalment fix-xogħol preparatorju mwettaq minn terzi qabel ħadem il-konvenut.

36. Għalhekk jidher evidenti li l-prinċipju legali komplet u korrett jista' jiġi espost kif ġej. L-appaltatur tassew għandu l-obbligu li jippresta x-xogħol li ġie mqabbad jagħmel b'mod li jkun utili għall-kommittent, u għandu jagħżel li ma jagħmilx ix-xogħol fejn dan 'il quddiem se jippreżenta difetti. Dan l-obbligu tal-appaltatur però ma jestendix ruħu għal ċirkostanzi li dwarhom l-appaltatur m'għandux għarfien jew kontroll. Jekk allura d-difett ikun kaġunat minn nuqqas ta' terzi, l-appaltatur m'għandux jitqies responsabbli, billi wara kollox huwa prinċipju ġenerali tal-liġi ċivili li ħadd ma jwieġeb għal għemil ħaddieħor ħlief fejn il-liġi espressament tipprovdi mod'ieħor[32].

---

[32] ***Abello***, Il Diritto Civile Italiano: Della Locazione (1913), Vol.III, §142:«*L'imprenditore deve prestare la capacità dell'arte sua soltanto; risponde quindi solo dei fatti dipendenti dall'esercizio di questa, non di quelli estranei alle sue pratiche e cognizioni*».

37. Il-qorti mhux qed tgħid li fejn id-difett ikun ġej mill-fatt ta' terz, l-appaltatur huwa dejjem u f'kull każ eżonerat. Dik il-ħtija tista' titnissel jekk ikun jirriżulta li l-appaltatur kien jaf, jew imissu kien jaf, li dak il-fatt ta' ħaddieħor kien se jinċidi fuq il-kwalità tax-xogħol tiegħu. Għaliex jekk l-appaltatur kien jaf jew kellu jkun jaf b'dak il-fatt, iżda ma tax każ u ħadem xorta, isegwi li huwa jkun *in mala fede* jew, fl-aħjar ipoteżi, ħati ta' *culpa*, u għalhekk ikunu applikabbli wkoll f'dak il-każ il-prinċipji ġenerali tad-dritt li jnisslu l-ħtija minħabba *culpa* jew *dolo*. Madanakollu biex tissussisti l-ħtija tal-appaltatur taħt dan il-profil irid jirriżulta – u f'dan is-sens l-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-kommittent – li l-appaltatur kien jaf, jew messu kien jaf, li l-eżekuzzjoni tax-xogħol min-naħa tiegħu ma kinitx se sservi lill-kommittent. Fi kliem ieħor, irid jintwera li l-konvenut kien jaf, jew messu kien jaf, li kien se jaħdem fuq xogħol difettuż ta' ħaddieħor li kien se jaffettwa s-siwi tax-xogħol tiegħu.

38. Dwar dan l-aspett tal-kawża, l-konvenut xehed li waqt li kien qed jingħata dan il-konkos, huwa kien ikun preżenti għaliex kien ġie mqabbad ibajjad is-suffitt[33]. Proprju għaliex kien hemm, kien issuġġerixxa li ssir xibka fejn il-konkos kien imiss mal-madum. Il-konvenut sostna li huwa ma jifhimx fil-konkos, għaliex li kien jifhem, kien jagħmel ix-xogħol hu. Spjega wkoll li madwar ġimgħa qabel beda x-xogħol tiegħu fuq il-paviment, innota li l-wiċċ tal-konkos beda jfarfar, u meta kellem lil Spagnol, dan assikurah li x-xogħol tal-konkos kien "perfett"[34].

39. Minn dawn il-provi, din il-qorti ma tasalx għall-konklużjoni li l-konvenut kien jaf, jew messu kien jaf, b'xi difett fil-konkos applikat minn terzi, b'mod li kellu jiddeżisti milli jeżegwixxi l-appalt mogħti lilu. Anzi, l-assikurazzjoni ta' Spagnol kellha sserraħ ras il-konvenut li huwa seta' jibda bil-ħidma tiegħu, u issa l-qorti mhux qed tara kif u għaliex għandha, fuq dawn il-fatti, torbot xi ħtija fuq il-konvenut. Lanqas il-perit tekniku ma qies li kien hemm xi fatti jew sinjali li teknikament kellhom jiftħu għajnejn il-konvenut għad-difett fil-konkos imqiegħed minn terzi, u ebda raġuni ma nġiebet lil din il-qorti biex tasal għal konklużjoni diversa.

[33] Ara x-xiehda tal-konvenut, a folio 129.
[34] Ara x-xiehda tal-konvenut, a folio 129.

40. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi, wara li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur